Il-Kulleġġ tal-Kappillani tad-Djoċesi ta' Għawdex, juri apprezzament lejn il-Q.T. il-Papa Franġisku għall-fiduċja li hu wera fl-Isqof Mario Grech fil-ħatra tiegħu ta' Prosegretarju tas-Sinodu tal-Isqfijiet.

Il-Kulleġġ jifraħ lill-E.T. Mons. Mario Grech għal din il-ħatra u jroddlu ħajr għall-ħidma fejjieda bħala ragħaj spiritwali ta' din id-Djoċesi matul dawn l-aħħar kważi 14-il sena.

Il-Kappillani jwiegħdu t-talb tagħhom u tal-komunitajiet parrokkjali kollha għall-Isqof Grech fil-qadi ta' din il-missjoni ġdida b'risq il-Knisja Universali.